## TIBŻAX

*Tibżax, ħabib, wara s-sħabiet dalmija*
*lewn il-kubrita,*
*hemm sema nir, bla nikta.*

*Tibżax, ħabib, minn sema wieħed tfaqqa'*
*sajjetta,*
*u tisreġ l-oħla xmejxa fil-Libiena;*
*kif ġo ħamrija waħda*
*hemm ħdejn xulxin ġilju sabiħ w għolliqa.*

*Għada dalwaqt iżernaq,*
*għada jkun l-ewwel jum ta' ħajja ġdida,*
*għada tibda Rebbiegħa dejjemija.*

10.xi.54 Victor Cilia

## BIKJA

*Ruħi bla tama,*
*qalbi nixfitli bħal ħamrija għatxana*
*taħt ix-xemx tikwi ta' Awwissu tagħna.*

*Ġismi bla ħila,*
*li kieku jrid jagħmel xi ħaġa siewja*
*iżda kull darba jsib nies qalbhom iebsa.*

*Nixtieq*
*il-ġwienaħ ta' farfett, ħfief, bajdanija*
*biex nigri ġol-widien u għoljiet ġeblija,*

*Hemmhekk*
*fejn l-id qerrieda tal-bnedmin għajjura*
*għadha ma messet xejn mill-ewwel sura,*

*Nixtieq*
*ta' rożinjol, fil-leħen, dik il-ħlewwa*
*biex l-għanja tidwi fis-sigħat lejlija.*

*Għax ħadd*
*ma jrid jismagħhom il-għanjiet tad-dieqa*
*u xi daqqiet, il-biki jgħodduh ħlieqa.*

*Ġismi lsir twajjeb*
*jibki ma' ruħi mnikkta f'armonija,*
*Oh! bla waqfien din l-għanja tibqa' sejra?*

*Il-poeżija*
*ġawhra ta' qalbi tħalltet mat-tbatija,*
*ir-ritmu tqal bin-noti imbikkija.*

3.viii.53 Victor Cilia

## L-GHASSIES

*Qamar kiesaħ b'dawl ċass,*
*mbux ta' b'xejn għalik jinbaħ*
*il-kelb tar-rziezet*
*għax jien kultant*
*tiġini xewqa ukollintik daqqa ta' sieq*
*u ntajrek 'l hemm mid-dinja.*

*X'int int ħlief spettru ta' dawl ieħor*
*mimli b'kull għan?*
*Int bħal ħajjetna spettru ta' ħajja oħra*
*kollha serħan.*
*Tfakkarni int għalhekk fil-ġid li għalissa*
*ma nistax nikseb hawn,*
*u narak donnok bħal għassies ta' ħabsti.*

*Ersaq ftit 'l hawn*
*jekk fik hemm xi kuraġġ*
*għassies bla qalb*
*biex ġismek lill-kelb nagħti,*
*u b'demmek naqta' l-għatx.*

V.M. Pellegrini

Alla ma jsawwatx u jerġa'. (Qawl Malti)